**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 373 / 2012**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Alexander Cardona**

Illum 21 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti Alexander Cardona, detentur tal-karta tal-identità numru 154167 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

1) Nhar l-25 ta' Novembru 2010, ghal-habta tas-saghtejn u kwart ta' waranofsinhar (14.15hrs), minn go residenza ' La Favorita' , Triq iz-Zebbuga, Iklin ikkometta serqa ta' flus kontanti u gojjelerija u xi oggetti ohra liema serq jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37) ghad dannu ta' Joseph John Rapinett u l-familja tieghu, liema serq huwa aggravat bil-' valur', bil-' vjolenza' , bil-' mezz' u bil-' lok' ;

2) U akter talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fir-residenza ' La Favorita' , Triq iz-Zebbuga, Iklin ghad-dannu ta' Joseph John

Rapinett liema hsara ma' tkunx tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sitting centezmu (1,164.69), imma tkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47);

3) U talli fil-05 t' April 2012 ghal-habta tas-saghtejn newsin kwart ta' waranofsinhar minn go residenza 11, ' Sacred Heart' , Triq Karmenu Vassallo, Iklin bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq agravat bil-' valur' , bil-' vjolenza' u bil-' lok' , liema delitt ma' giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu u dan ghad-dannu ta' Nadia Cilia;

4) U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq Nadia Cilia skond kif iccertifika Dr. Vassallo mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta.

Il-Qorti hija mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b' sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli taplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjes li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2022, fejn il-Qorti ma' sabitx lill-imputat hati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261 (1), (b), (c) u (e), 262 (1) (a) u (b), 263 (a), 264 (1), 265, 266, 267, 269 (g), 276, 277 (b), 279 (b), 280 (2), 325 (1) (b) u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill- imputat, Alexander Cardona, hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, u kkundannatu ghal piena ta' hames snin

prigunerija effettiva, mill-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa nzamm taht arrest preventiv, in konnessjoni mar-reati li taghhom instab hati permezz ta' din is-sentenza.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti kkundannat lill-hati Alexander Cardona, jhallas lir-Registratur tal-Qorti, l-ispejjez inkorsi fil-kors tal-inkjesta in genere, mizmuma in konnessjoni mas-serqa rigwardanti l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, liema inkjesta tifforma parti mill-atti processwali, fl-ammont ta' seba' mija u seba' u ghoxrin Ewro u ghaxar centezmi (€727.10c).

Ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lid-Direttur tal-Habs.

Rat l-atti u d-DOKumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Alexander Cardona minnhu pprezentat fl-4 t' Awwissu, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata u dan billi filwaqt illi **TIKKONFERMAHA** fil-parti tas-sentenza fejn ma' sabitux hati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tal-addebitu tar-recidiva, **THASSARHA U TIRREVOKAHA** fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement TIDDIKJARAH mhux hati taghhom u ghalhekk **TILLIBERAH** minnhom; alternattivament, u f' kaz li ma' jigux milqugha l-aggravji fil-mertu, **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **Apprezzament zbaljat tal-Provi Prodotti u tal-Ligi Applikabbli fir-Rigward tas-Sejbien tal-Htija tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) akkuzi migjuba fil-konfront tieghu**

Illi l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament u interpretazzjoni hazina tal-provi migjuba quddiemha u tal-Ligi applikabbli meta sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dan ghaliex fl-umli fehma tal-appellant l-Ewwel Onorabbli Qorti ma' kellha qatt issib htija fl-appellant fir-rigward ta' dawn l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

- **Oneru tal-Prova fuq il-Prosekuzzjoni**

Illi preliminarjament jibda biex jinghad illi l-appellant ma' ghandu ghalfejn jipprova xejn jew iressaq xi prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u *del resto*, anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, w cioe' *beyond reasonable doubt*, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe'' tal-Prosekuzzjoni.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe'` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit."*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b' zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero'' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

F' dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma' jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma' jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma' jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b' applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragonevoli, il- Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma' ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera. Illi fl-umli fehma tal-appellant, u dan anke kif spjegat aktar fid-dettall f' dan ir-rikors, il-Prosekuzzjoni naqset illi tipprova l-kaz taghha lil hinn min kull dubju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tillibera lil appellant anke fuq nuqqas ta' provi.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il- Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita' .

- **Il-Presunzjoni tal-Innnocenza**

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta innocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal- Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is- segwenti:

> "*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet ' Il**-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

> "*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna mfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d' ordine pubblico; ' the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal- innocenza? Din tfisser li l-akkuzati ma' jridu jipprovaw xejn dwar l- innocenza taghhom - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija taghhom. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li

allegat il-htija tal- imputati, l-*onus* generali tal-prova, u cioe'' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha beyond a reasonable doubt, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe'' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f' kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma' ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

- **L-*identification parade***

Illi jigi rilevat illi l-parte civile Yanika Rapinett kienet giet murija numru ta' persuni sabiex tidentifika min minnhom huwa l-allegat aggressur bil-procedura tal-*identification parade.* Illi jigi rilevat illi l-istess parte civile identifikat lill-appellant bhala l-persuna illi dahal fir-residenza taghhom u kkommetta s-serqa in kwistjoni. Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-*identification parade* in kwistjoni tikser id-drittijiet tal-esponenti ghal smiegh xieraq stante illi ghandha diversi mankanzi u nuqqasijiet. Illi fost l-ohrajn jigi rilevat illi l-persuni kollha murija lill-parte civile ghajr l-appellant kienu kollha Ufficjali tal-Pulizija u mhux kollha kienu tal-istess statura anzi l-appellant kien jikkonstrasta ferm mal-persuni l-ohra illi kienu qeghdin ghall-*identification parade.* Fil-fatt kien hemm differenzi sostanzjali bejn l-appellant u l-persuni l-ohra illi gew murija lil Yanika Rapinett u dan mhux biss f' dak li jirrigwarda l-klassi socjali tal-persuna izda anke differenzi fl-eta' , fl-istatura, fizjonomija, ecc. Fil-fatt l-istess Yanika Rapinett tixhed a fol 111 tal-atti processwali illi:

*Qorti: Iddeskrivi kif kienet id-dehra taghhom in-nies l-ohra.*

*Xhud: Ifhem kienu lined up.*

*Qorti: Kollox sew. Kienu tal-istess statura tieghu?*

*Xhud:* ***Le. Hu kien twil. L-itwal wiehed imma l-fattizzi ta' wiccu gharafthom.***

Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza ' **Il-Pulizija vs. Leading Steward Victor Dalmas'** deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963): *Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma' dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b' xi mod, anki involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f' certi kazijiet, fis-sens li f' identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom' ;*

Illi l-ligi taghna ma' tirregolax il-mod kif ghandha issir *identification parade* ghajr ghal fatt illi din trid issir quddiem Magistrat u dan kif imfassal fl-artikolu 74 tal-Kap.164 tal-Ligijiet ta' Malta. ma' tispecifikax per ezempju n-numru ta' persuni li ghandhom jiehdu sehem f' din il-parata, jekk din ghandhiex necessarjament issir bil-presenza fizika tal-persuni li jiehdu sehem fil-parata jew inkella permezz ta' sett ta' ritratti.

Il-ligi Ingliza tirregola l-modalitajiet ta' kif ghandha issir din il-parata b' mod dettaljat tant illi sahansitra l-persuna suspettata fil-presenza ta' l-avukat taghha ghandha tinghata dettalji dwar id-deskrizzjoni li x-xhud okulari jkun ghadda lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet. Fost dawn ir-regolamenti l-artikolu 14 jispecifika illi:

> ***"Appropriate arrangements must be made to make sure, before witnesses attend the identification parade, they are not able to: (i) communicate with each other about the case or overhear a witness who has already seen the identification parade; (ii) see any member of the identification parade; (iii) see, or be reminded of, any photograph or description of the suspect or be given any other indication as to the suspect' s identity; or (iv) see the suspect before or after the identification parade"***

Kif inghad izda il-ligi taghna dan kollu ma' tirregolahx biex b' hekk l-unika regola li ghandha thares il-Qorti meta tigi biex tqies jekk dik il-parata tkunx wahda regolari, kif diversi drabi ribadit fil-gurisprudenza, hija li tara jekk ittehdux il-prekawzzjonijiet kollha sabiex jigi evitat li ssir "*a miscarriage of justice*".

Illi huwa utli li meta ssir identifikazzjoni, anki jekk din issir minn persuna wahda u mhux necessarjament minn fost individwi ohra skjerati *f' identification parade*, illi jigu osservati l-linji gwida imfassal mill-gurisprudenza Ingliza fil-kaz *Turnbull* liema regoli infatti, gew spiss segwiti mill-qrati taghna, ghalkemm il-ligi taghna imkien ma' tfassal ebda regola ghajr ghal dak li jghid l-**artikolu 648 tal-Kodici Kriminali:**

> *"Biex issir il-prova tal-identità ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f' xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja."*

**Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma' riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b' regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f' Qorti. Meta si tratta ta'**

**identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma' tghid xejn. Dan ma' jfissirx li ma' hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati. Dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b' mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma' hemmx zball f' dik l-identifikazzjoni.**

Illi maghdud dan allura huwa f' idejn il-gurati li jigu imsejjha jiggudikaw fuq il-fatti jew tal-gudikant li qed jippresjedi l-kawza skond il-kaz li jkun, illi jaraw jekk l-identifikazzjoni maghmula u li tista' tigi maghmula fil-kors tal-guri jew tal-kaz, hijiex wahda attendibbli o meno u dan b' applikazzjoni tar-regoli tal-bwon sens u ukoll b' mod specjali gwidati bir-regoli *Turnbull* [1] fejn hemm hekk imghallem:

> *' First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*
>
> *Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the*

[1] Turnbull (1977) QB 224

*observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?*

…

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made. All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused' s case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone' s Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza **<u>Sharrett vs. Gill</u> (1993) 65 A Crim R. 44:**

*' … I am unaware of any authority in this country or elsewhere … that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury*

*trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings … and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon thier observations of what they see and hear, and even upon thier identification of fellow human biengs by such observations. The ability to distinguish one human bieng from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition' ;*

Kif qal **Lord Parker CJ** in **R. vs Parks** ((1961) I.W.L.R. 1484):

*' cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice'*

Illi jkun utili wkoll li ssir riferenza ghad-decizjoni flismijiet **Il-Pulizija vs. Paul Michael Kavanagh** deciza fit-22 ta' Novembru 2012, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi l-ewwel Qorti messha uzat kliem ahjar biex tiddeskrivi l-hsieb taghha, tapprezza ukoll illi l-ewwel Qorti forsi kellha xi diffikultà biex toqghod fuq l-identifikazzjoni illi taw il-persuni aggrediti biex torbot din l-identifikazzjoni mal-imputat. Huwa veru illi d-deskrizzjoni illi giet moghtija taqbel perfettament ma' dik tal-appellat u cioé illi l-agressur kellu karnagjon cara, xaghru kien ta' lewn car ukoll, ghajnejh cari, irqiq u twil. Dawn il-hames karatteritici japplikaw perfettament ghallappellat, però mhux necessarjament ghalih biss, u zgur illi hemm nies ohra f' dawn il-Gzejjer illi jaqghu taht din iddeskrizzjoni, u din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni talewwel Qorti illi tasal biex tikkonkludi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi dawn id-deskrizzjonijiet bilfors jirriflettu ghall-appellat u ghal hadd aktar. Ghalhekk bhala provi indizjarji ma' jwasslux ghall-konkluzjoni wahda u kwindi ma' tistax torbot fuqhom sabiex iwasslu ghal dak ilgrad ta' prova*

*rikjest mil-ligi. Ghalhekk din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni li kellha lewwel Qorti meta giet biex tabbina lill-appellat mas-serqa proprja tal-hanut".*

Illi ghalhekk in vista' tas-suespost l-appellant umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma' kellha qatt tistrieh fuq ir-rizultanzi illi hargu mill-*identification parade* illi saret lill-parte civile Yanika Rapinett u tali *identification parade* ghandha tigi kkunsidrata bhala nulla stante illi ma' tissalvagwardjax d-drittijiet fundamentali ghal smiegh xieraq tal-appellant minhabba diversi mankanzi u nuqqasijiet fosthom illi l-persuni kollha murija lill-parte civile ghajr l-appellant kienu kollha Ufficjali tal-Pulizija u mhux kollha kienu tal-istess statura anzi l-appellant kien jikkonstrasta ferm mal-persuni l-ohra illi kienu qeghdin ghall-*identification parade.* Fil-fatt kien hemm differenzi sostanzjali bejn l-appellant u l-persuni l-ohra illi gew murija lil Yanika Rapinett u dan mhux biss f' dak li jirrigwarda l-klassi socjali tal-persuna izda anke differenzi fl-eta' , fl-istatura, fizjonomija illi ghalhekk rendew tali *identification parade* bhala ezercizzju illi ma' kienx ihares dawk is-salvagwardji necessarji fi proceduri simili.

- **Kunflitt u kuntrast fix-xhieda tal-allegata vittma Yanika Rapinett bejn dak li xehdet fl-atti tal-Inkjesta u dak li xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti**

Illi jigi rilevat illi x-xhud principali fil-proceduri odjerni kienet Yanika Rapinett illi xehdet kemm fl-atti tal-inkjesta kif ukoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti liema xhud spjegat illi hi kienet id-dar waqt illi l-appellant ikkometta tali serqa u hi gharfet lill-appellant bhala l-persuna illi dahal fir-residenza taghhom.

Illi jigi rilevat illi x-xhieda ta' Yanika Rapinett hija kunfiggenti ferm u mhuwiex wahda attendibbli u ta' min joqghod fuqha u dan ghaliex hija taghti zewg verzjonijiet totalment differenti bejn dak li tixhed fl-atti tal-inkjesta u dak li xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fil-fatt hemm diversi inkonsistenzi u differenzi bejn iz-zewg xhieda

nonostante illi x-xhud kienet qieghda tixhed fuq l-istess stat ta' fatti. Illi ghalhekk l-appellant umilment jirrileva illi ma' kienx *safe and satisfactory* ghall-Ewwel Onorabbli Qorti illi tibbaza fuq ix-xhieda illi tat l-istess Yanika Rapinett.

Illi fost il-hafna inkosistenzi insibu illi filwaqt illi waqt id-deposizzjoni taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 102 tal-atti processwali tghid illi l-persuna kien qieghed jisraq mill-kxaxen, fl-atti tal-inkjesta issemmi persuna ohra illi kien qieghed jippartecipa mal-appellanta fis-serqa. Fil-fatt a fol 100 tal-atti tal-inkjesta hija tixhed illi: *dak il-hin hareg ragel, cioe', l-istess ragel li rajt fuq il-kamera tal-intercomp … rajt il-mink [scarves u oggetti ohra] itiru mal-art,* ***jigifieri kien hemm xi hadd iehor fil-kamra izda ma' stajtx naraha din il-persuna.*** Illi bid-dovut rispett dan hu dettall importanti hafna u l-fatt illi Yanika Rapinett f' dan id-dettall mhux konsistenti ixejjen il-kredibilita' taghha u dan ghaliex filwaqt illi fl-atti tal-inkjesta tixhed bil-gurament illi kienu zewg persuni illi qeghdin jikkommettu s-serqa odjerna, fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti hi ma' ssemmi xejn rigward it-tieni persuna illi kienet qieghda tippartecipa f' tali serqa.

Illi dettall iehor importanti illi Yanika Rapinett thawwad fiz-zewg verzjonijiet illi hi taghat hija rigward xi diskors li ntqal lilha mill-appellant. Illi filwaqt illi fl-atti tal-inkjesta Yanika Rapinett tispjega illi l-appellant kellimha u qalilha *Id-Daddy trid, ghax noqtlok?* fix-xhieda bil-gurament taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti a fol 109 tal-atti processwali hija ma' semmi xejn u anzi tikkonferma illi ma' sar l-ebda diskors bejnha u bejn l-appellant fejn tispjega illi kienet lahqet nizlet isfel ghax hasbet illi seta jigri warajja. Illi l-appellant ghal darbohra jsaqsi liema hi l-verzjoni l-korretta u liema hi l-verzjoni illi l-Qorti ghandha tistrieh fuqha.

Illi inkonsistenza ohra fix-xhieda taghha hija illi filwaqt fix-xhieda tal-inkjesta hija tispjega illi waqt li kienet qieghda tahrab mill-malvivent hija waqghet it-tarag u wegghet din ma' tissemma imkien fix-xhieda bil-gurament taghha. Illi dan hu dettall

importanti hafna u difficli illi wiehed jinsa jew jisfuggilu illi jsemmi illi waqt tali serqa huwa prova jahrab mill-malvivent u waqt li kien qieghed jahrab, waqa' u wegga' . Illi ghalhekk l-appellant umilment jikkontendi illi l-verzjonijiet moghtija mill-parte leza huma bil-wisq inkonsistenti u ma' jikkombacjawx ma' xulxin u wiehed isibha difficli jevalwa liema hi l-verzjoni korretta u veritiera.

Illi fil-kaz in dizamina ghalhekk jidher bic-car illi hemm verzjonijiet kompletament kunfliggjenti mhux biss bejn dak li inghat mill-appellant u bejn dak li inghad mill-parte civile izda hemm verzjonijiet kompletament kunfliggenti bejn ix-xhieda illi taghat l-istess parte civile fl-atti tal-inkjesta u dik li taghat quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi jigi rilevat illi l-verzjoni tal-esponent ghandha mis-sewwa u hija kredibbli minn kull aspett u sahansitra hija korroborata mill-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda. Illi jirrizulta b' mod car illi l-verzjoni illi taghti l-parte civile mghandiex mis-sewwa u fiha biss inkonsistenzi liema inkonsistenzi ghandhom jwasslu biex irendu tali verzjonijiet bhala inveritieri u mhux ta' min joqghod fuqhom.

Illi dan ifisser illi l-parte leza ma' kienet kredibbli xejn fix-xhieda taghha u l-verzjoni hekk kif moghtija mill-appellant hija iktar veritiera u ghandha mis-sewwa u ghalhekk l-appellant ghandu jigi liberat mill-ewwel u mit-tieni imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu stante l-inkonsistenza fix-xhieda tal-parte civile.

- **L-appellant cahad kategorikament illi huwa kkommetta tali serqa kemm fl-istqarrija minnu rilaxxata [ghalkemm din l-istqarrija giet dikjarata inammissibli] kif ukoll fix-xhieda bil-gurament illi huwa taha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti**

Illi fl-ewwel lok jinghad illi l-appellant mhuwiex tenut li jressaq l-ebda prova sabiex jipprova l-innocenza tieghu, izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-

grad li trid il-ligi, w cioe' *beyond reasonable doubt* izda nonostante cio' l-imputat ghazel illi jixhed u jaghti l-verzjoni tieghu tal-fatti.

Illi jigi rilevat illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita' . Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b' verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti. Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjub fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Illi tajjeb li jigi rrimmarkat li sa mill-istadju promutur, l-appellant kkollabora bis-shih mal-Pulizija u kien kredibbli u konsistenti f' dak li sahaq u l-istess konsistenza rrizultat anke meta ha l-pedana tax-xhieda fejn bazikament ikkonferma dak mistqarr minnu fl-istqarrija rilaxxati minnu *a tempo vergine.*

Illi l-appellant irrilaxxa stqarrija f' liema stqarrija huwa cahad kategorikament li huwa kien b' xi mod responsabbli ghas-serqa odjerna liema izda stqarrija mhux se tigi prodotta f' dan l-appell stante illi tali stqarrija giet dikjarata illi hija inammissibli peress illi l-appellant ma' kellux l-avukat tal-fiducja tieghu prezenti waqt li kien qieghed jirrilaxxa din l-istqarrija. Illi izda huwa xehed bil-gurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn cahad kategorikament li huwa kien b' xi mod responsabbli ghas-serqa odjerna u sahaq illi ma' kienx minnu illi huwa seraq il-gojjellerija illi qieghed jigi imputat illi seraq.

Illi ghalhekk l-istqarrija minnu rrilaxxati giet ikkonfermata fix-xhieda guramentata illi huwa taha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn bazikament ikkonferma dak li qal fl-

istqarrija minnu rilaxxata u xejjen it-tezi migjuba mill-prosekuzzjoni u ghaldaqstant huwa ghandu jigi liberat mill-ewwel zewg akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

- **Mankanza ta' provi ohra ghajr l-identifikazzjoni tal-appellant min-naha tal-allegata vittma Yanika Rapinett**

Illi ghalhekk ix-xhieda tal-parte civile Yanika Rapinett wehidha u tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq u ta' dak li jirrizulta mil-atti processwali ma' setghet qatt twassal lil l-ewwel Qorti ghal konvinciment morali illi l-appellanti setgha kellu xi involviment f' dak li qed jigi akkuzat bih. Dawn il-fatti ghandhom jittiehedu in konsiderazzjoni flimkien mal-fatt li ma' nstabu l-ebda oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reati ghand l-appellanti jew xi parti mir-res furtiva li tista' tindika l-involviment tieghu. Illi inoltre lanqas biss instabu xi impronti digitali tal-appellant fuq ix-xena tar-reat illi setghu jindikaw illi l-appellant kien verament fil-fond fejn sehhet is-serqa u ghalhekk setghu jorbtuh b' mod dirett mas-serqa.

Illi l-appellanti jirrileva illi din il-Qorti tista' **biss** tispekula dwar jekk l-appellanti kellux xi involviment f' dak li huwa qed jigi akkuzat bih madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Formosa et** moghtija fil-15 ta' Jannar 2016, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet issegwenti:

> *"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz kif jemergu mill-provi inkluzi dawk li fuqhom strahet l-ewwel Qorti u din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fuq dawk ic-cirkostanzi l-ewwel Qorti ma' setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha u cioé li l-imputati appellanti huma hatja minghajr dubbju dettat mir-raguni tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. L-*

*aktar ' il boghod li wiehed jista' jasal fuq l-iskorta tal-provi prodotti huwa li dawn jiggeneraw suspett ragonevoli li l-imputati ikkommettew l-ghemil imputat lilhom mill-Prosekuzzjoni, izda prova sa dan il-grad ma' hix bizzejjed sabiex jintlahaq il-grad gholi ta' prova mehtieg ghas-sejbien ta' htija fil-qasam tad-dritt penali".*

Illi, mehud dan kollu li nghad hawn fuq in konsiderazzjoni, jirrizulta li fil-kawza odjerna jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar jekk l-appellanti huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Illi l-provi li hemm fl-atti ma' humiex sufficjenti ghal sejbien ta' htija, provi li fil-kamp penali iridu jindikaw lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-htija ta' l-appellanti. Illi fil-verita fl-atti processwali ma' hemm l-ebda prova ohra li turi illi l-appellanti kien prezenti fuq ix-xena tar-reat u dana ghajr ghal dak li gie sollevat aktar il-fuq, cioé rigward l-identifikazzjoni tieghu [anke b' mod dubjuz] min-naha tal-parte leza.

Fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn il-Qorti hija rinfaccjata bi prova cirkostanzjali wahda u cioe'` l-identifikazzjoni tal-appellant. Illi ta' min jghid illi din il-prova wehidha ma' ssahhahx il-kaz tal-prosekuzzjoni ghaliex ma' hijiex korroborata minn evidenza ohra bhal xi CCTV cameras, oggetti uzati fil-kummissjoni tar-reat, xi impronti digitali tal-appellant, u/jew provi ohra illi jistghu jsahhu t-tezi tal-prosekuzzjoni.

Illi ghalhekk dawn id-dubji kollha jimmilitaw a favur tal-appellanti billi l-ewwel Qorti ma' setatx tkun moralment jew legalment konvinta bil-kolpevolezza tal-appellanti f' din is-serqa. Illi ghalhekk mix-xhieda kollha jirrizulta illi fil-kaz odjern ghandna nuqqasijiet enormi fil-provi tal-prosekuzzjoni liema nuqqasijiet ghandhom jillimitaw favur l-appellanti.

- **Nuqqas tal-prova tal-valur tal-oggetti misruqa min-naha tal-prosekuzzjoni [aggravju tal-valur]**

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-kwalifika tal-valur fir-reat tas-serq bl-ebda mod ma' giet pruvata u dan peress illi l-vittmi ma' pproducewx prova tal-valur. L-ebda talba ghal hatra t' espert tekniku ma' giet maghmula mill-Prosekuzzjoni u fil-fatt l-Ewwel Onorabbli Qorti strahet esklussivament fuq ix-xhieda moghtija mill-parte leza senjatament minn Catherine Rapinett kemm fl-atti tal-inkjesta kif ukoll quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn skont l-istess Catherine Rapinett il-valur tal-oggetti misruqa kien cirka €50,000.

Illi ghalkemm huwa minnu illi l-prova relattiva ghat-telf ossija l-valur tar-*res furtiva* mhux bilfors tehtieg li jigi mahtur espert tekniku xorta huwa desirabbli illi f' kazijiet simili jinhatar espert. Illi kif intqal fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar l-24 ta' Frar 2003, id-determinazzjoni tal-valur ta' oggett tista' tigi maghmula jew b' apprezzament tal-gudikant jekk huwa jkun jifhem bizzejjed biex jiddetermina l-valur hu stess, jew billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jaghti l-fehma tieghu dwar l-ammont tal-hsara jew inkella billi l-parte lesa tixhed bil-gurament dwar kemm hija kienet halset biex xtrat l-oggett jew il-valur tat-tiswija tal-oggett.

Illi dan ifisser illi l-Qorti tal-Magistrati setghet toqghod u tistrieh fuq ix-xiehda tal-parti leza, dwar il-valur tal-gojjellerija misruqa ghalkemm ikun desirabbli illi tali prova tkun lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u mhux sempliciment tistrieh fuq xhieda bil-gurament minghajr ma' tkun sorretta minn xi provi DOKumentarji bhal ricevuti u/jew fatturi.  F' kaz fejn mill-provi jirrizulta li l-gudikabbli jkun wettaq is-serq izda l-valur tar-*res furtiva* jibqa' dubbjuz, l-applikazzjoni korretta tal-Ligi mhix dik li l-Qorti tillibera lill-gudikabbli minhabba nuqqas ta' provi dwar il-valur, izda li ssib lill-gudikabbli hati tar-reat ta' serq minghajr dik il-kwalifika tal-valur.

Dan johrog ukoll minn sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Gafa** tat-30 t' April 2014. F' dan il-kaz il-Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha

zewgt vitmi ta' serq ta' gizirajjen tad-deheb. Micallef tghid li l-valur tal-gizirana taghha kienet tvarja bejn mitejn u tliet mitt euro. Mill-banda l-ohra il-valur tal-gizirana tad-deheb ta' Grech ma' gietx determinata. Biss Grech tipprovdi ritratt ta' dik il-gizirana, li hija ssotsni li kienet tad-deheb, u li kienet taghthielha ommha – u allura tindika wkoll li kien deheb li huwa antik. Din ix-xiehda maghquda flimkien, mgharbla bil-buon sens, is-sens komun, l-esperjenza tal-hajja, **flimkien** mal-apprezzament taghha stess, setghet twassal lill-Qorti tal-Magistrati ghall-konkluzjoni li, dawn iz-zewgt gizirajjen, it-tnejn tad-deheb, kellhom valur li jaqa' fil-qafas tal-kwalifika li trid il-Ligi u cjoe valur li jiswa' aktar minn mitejn tnejn u tletin euro erbgha u disghin centezmi (232.94) b' mod li jkun soddisfatt, almenu wiehed mill-metodi indikati mill-gurisprudenza li fuqhom jista' jigi determinat il-valur tar-*res furtiva*. B' hekk il-Qorti tal-Magistrati, bil-provi li kellha quddiemha u bil-kriterji stabbilita lilha mill-gurisprudenza setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni relattiva ghall-valur tar-*res furtiva* f' dan il-kaz.

Illi f' dan il-kaz l-unika prova illi ngabet tal-valur tal-oggetti misruqa kienet ix-xhieda ta' Catherine Rapinett u l-Prosekuzzjoni la talbet ghal hatra ta' espert, la gew esebiti ritratti ta' x' gollerrija insterqet, la gew esebiti ricevuti jew fatturi ta' meta inxtraw, la gew esebiti kaxxi illi juru fejn kienu jinstabu tali gollerrija. Illi dawn in-nuqqasijiet jimmilitaw favur l-appellant fl-argument tieghu illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova tal-valur tal-oggetti misruqa u ghalhekk il-Qorti ma' setghetx issib htija tal-aggravju tal-valur.

Illi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia</u>** datata 19 ta' Lulju tas-sena 2016 fejn intqal hekk:

> *Il-Qorti minnufih issemmi l-fatt li f' dawn il-proceduri, d-derubati f' dan il-kaz ma' pprezentaw l-ebda prova dwar il-valur tal-oggetti misruqa hlief stimi li taw huma stess. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova tal-valur tal-oggetti misruqa. ma' kien hemm l-ebda talba da parti tal-Prosekuzzjoni sabiex jinhatar espert tekniku biex*

*jaghmel valutazzjoni tal-oggetti misqrua. L-istess derubati lanqas ipprezentaw xi talba lill-Qorti biex l-oggetti rkuprati mis-serqa u cioe'' l-arlogg u brazzuletta u li kienu esebiti f' dawn l-atti johduhom lura.*

- **L-aggravju tal-vjolenza ma' giex ippruvat mill-Prosekuzzjoni**

Illi l-appellant umilment jirrileva illi filwaqt illi huwa jibqa' jipprotesta l-innocenza tieghu u jishaq illi mghandu x' jaqsam xejn mas-serqa odjerna jekk il-Qorti thoss illi ghandha ssibu hati ta' tali serqa huwa ma' jistax jinstab hati tal-aggravvju tal-vjolenza. Illi skont l-Ewwel Onorabbli Qorti dan l-aggravju gie ppruvat stante li skont ix-xhieda moghtija minn Yanika Rapinett quddiem l-Espert inkarigat fl-inkjesta, l-appellant li gharfitu bhala l-bniedem li kienet rat mill-*intercom*, kellu arma, *gun* zghir iswed f' idu.

Illi kif gie ritenut precedentament il-verzjonijiet ta' Yanika Rapinett huma ferm inkonsistenti u ma' jikkombacjaw ma' xulxin. Illi f' dan ir-rigward din hija istanza ohra fejn fl-atti tal-Inkjesta Yanika Rapinett xehdet mod u quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti xehdet mod iehor. Illi fil-fatt, jigi rilevat illi quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti Yanika Rapinett ma' semmiet xejn illi l-aggressur kellu xi arma f' idejh u kien biss quddiem l-Espert inkarigat fl-inkjesta illi ghazlet illi tghid illi l-aggressur kellu arma. Illi tant hu hekk illi fix-xhieda bil-gurament hija ma' ssemmi xejn rigward tali arma u lanqas biss issemmiha – inoltre l-parte leza ma' sofriet l-ebda griehi fuq il-persuna taghha.

Illi bhalma gie ritenut precedentament il-verzjonijiet tal-parte civile huma inkosistenti ferm u dijamettrikament opposti u ghandhom iwasslu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiskartahom u mhux toqghod fuqhom. Illi ghalhekk dan l-aggravju ma' jistax jirrizulta u l-appellant konsegwentement ghandu jigi liberat minnu stante illi mhemmx provi ohra illi jissostanzjaw dak allegat minnu f' okkazzjoni wahda biss [nonostante illi xehdet darbtejn] il-parte civile Yanika Rapinett.

2. **L-Applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Prigunerija), Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-appellant filwaqt illi jibqa' jipprotesta l-innocenza tieghu ghar-reati lilu addebitati jirrileva illi jekk jinstab hati ghandu jkun applikabbli l-Artikolu 8 tal-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga [Trattament mhux Prigunerija, Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi jirrizulta mill-provi prodotti u mill-provi illi jistghu jigu prodotti illi l-appellant kellu minn ta' eta zghira l-vizzju tad-droga u kien jabbuza regolarment diversi tipi ta' droga.

Illi ghalhekk dan ifisser illi peress illi fil-mument illi huwa allegatament ikkometta r-reati in kwistjoni huwa kellu l-problema tad-droga l-**Artikolu 8 tal-Kap 537** huwa applikabbli ghac-cirkostanzi tal-kaz u dan peress illi r-rekwiziti kollha huma sodisfatti:

> *(a) li r-reat kontra l-ligijiet dwar id-droga jew kontra kull ligi ohra li bih il-persuna akkuzata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkuzat;*
>
> *(b) li r-reat kontra xi ligi ohra li mhix il-ligijiet dwar iddroga li bih il-persuna akkuzata hi mixlija ma' jikkonsistix f' reat volontarju kontra l-persuna jew f' att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkuzata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-uzu ta' nar jew splussiv;*
>
> *(c) li hemm ragunijiet oggettivi li jindikaw li l-persuna akkuzata x' aktarx tigi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li ghamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex tehles mid-dipendenza mid-droga.*

Illi ghalkemm huwa minnu illi r-reati addebitati lill-appellant iwasslu sabiex huwa ma' jkunx jista japplika ghal tali disposizzjoni fil-Ligi jigi rilevat illi huwa ghadu prezunt innocenti u ghalhekk ma' jistax *a priori* u qabel ma' jkun hemm sentenza *res judicata* jigi eskluz l-applikabilita' tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta stante illi jekk ezempju huwa jigi liberat mill-aggravju tal-vjolenza waqt li kien qieghed jikkommetti r-reati tas-serq huwa jkun jista' jibbenefika minn tali disposizzjoni. Illi dan ifisser ghalhekk illi wiehed ma' jistax *a priori* jeskludi l-applikablita' tal-Artikolu 8 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta kif anke gie ritenut mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] fis-sentenza fl-ismijiet Reuben Micallef vs Avukat tal-Istat.

Illi jidher illi l-appellant kellu dipendenza fuq diversi tipi droga u ghalhekk l-appellant iqis li l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Aritkolu 8 tal-Kap 537 huma sodisfatti, w ghalhekk l-appellant jikkwalifika sabiex ikun jista' jikkonsulta mal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga.

Illi l-appellant sabiex jipprova dan jixtieq <u>illi jressaq in sostenn bhala provi xi Ufficjali tal-Probation jew ufficjali ohra</u> u dan kollu sabiex juri illi huwa allegatament kkommetta r-reati in kwistjoni minhabba d-dipendenza tieghu fuq id-droga, ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi jigi rilevat illi fil-fatt ir-reati illi bih l-appellant huwa mixli huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza ppruvata gravi u medika fuq id-droga tal-akkuzat fejn l-appellant kien ilu jabbuza mid-droga ghal diversi snin. Illi dan kollu m' ghandux ihalli dubju illi l-appellant kien ilu fil-vizzju tad-droga ghal snin twal qabel dawn il-proceduri u li dan il-vizzju kien ukoll wiehed serju u ghalhekk dawn ir-reati li taghhom qed jinstab hati kienu effettivament attribbwibbli ghal dan il-vizzju.

Ghalhekk tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f' dan il-kaz, l-appellant jirrileva illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha tapplika l-proviso ghall-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 u cioe'` illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati, kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, l-Qorti ghandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

3. **Piena Erogata**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dan l-aggravju jirrigwarda l-piena. Illi huwa minnu li l-insenjament tal-Qrati superjuri dejjem sahaq li ma' jiddisturbawx il-piena moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi fuq ton akkademiku, pero'` l-esponenti ma' jaqbilx kompletament ma' tali insenjament. Illi dana peress li qabel mal-Qrati tal-Ewwel grad, fin-nuqqas ta' sistema ta' ' sentencing policy' rigida, ma' jzommu certu konsistenza u omogenjita` fis-sentenzi taghhom, allura bilfors li jkollok min jilmenta bhalma qed jigri fil-kaz in ezami. Illi inoltre f' kull kaz Qrati ta' l-appell xorta ghandhom jidhlu f' ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw il-piena inflitta kinitx eccessiva jew le.

Illi l-appellant umilment jirrileva illi l-piena moghtija lilu u cioe'' dik ta' hames (5) snin prigunerija hija wahda eccessiva fic-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Illi qabel xejn ghandu jigi kkunsidrat li l-piena qatt mghandha sservi sabiex titpatta l-hsara li tkun iggarbet mill-vittma - jew mill-familjari taghha - kawza tas-sinistru.

Illi f' dan l-isfond ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Mamo**:

*Fil-verita l-iskop tal-piena muhiex wiehed ta' tpattija. Huwa ben stabbilit li l-piena m' ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati.*

*Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*

*Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma' tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skond ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu......*

*Illi huwa car li l-imputat mhux persuna ta' kondotta vjolenti jew li ghandu bzonn ta' xi tip ta' riforma fil- karattru tieghu; dan pero' ma' jfissirx necessarjament li huwa m' ghandux jinghata piena karcerarja jekk hija din il-piena li tohloq dak il-bilanc gust bejn id-diversi skopijiet li jridu jintlahqu permezz taghha, inkluz dak li tibghat messagg car li jservi ta' deterrent.*

*Illi fil-kaz in ezami l-imputat m' ghandux l-iskuza ta' l-inesperjenza jew il-blugha taz-zghozija; huwa ragel adult u ta' certa esperjenza li pero' ghazel li jinjora dak li din l-esperjenza bil-fors kienet ghallmitu;...*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anton Vassallo** deciza mill-Onor Imhallef David Scicluna nhar id-9 ta' Jannar, 2013 intqal hekk:

*"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll irriforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b' ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil- kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

*12. Din il-Qorti hi tal-fehma li fil-kaz in ezami jidher illi lappellant/l-appellat qieghed fit-triq it-tajba u qieghed jaghmel l-isforzi mehtiega biex izomm in lineja mar-responsabbiltajiet tieghu. Is-socjeta` ghalhekk ma' tistax tigi protetta bl-inkarcerazzjoni tieghu izda billi, bl-ghajnuna ta' ufficjal tal-probation, ikompli jirresponsabbilizza ruhu, u dan anke billi jaghmel il-pagamenti opportuni lill-vittmi tieghu kif ukoll billi jrodd xi haga lis-socjeta` permezz ta' servizz fil-komunita`. Ghalhekk huwa l-kaz illi, minbarra ordni ta' kumpens, l-appellant/l-appellat accettanti, jitqieghed taht ordni ta' probation u servizz sabiex ikun hemm ammont ta' supervizjoni minn ufficjal tal-probation filwaqt illi l-hati, permezz tal-hidma tieghu, ikun qieghed irodd lis-socjeta` offiza dak is-sodisfazzjon li hija tippretendi li ghandu jkollha minhabba l-agir kriminuz tieghu.*

Illi imbaghad fis-sentenza taghha **Il-Pulizija vs Maurice Agius**, il-Qorti tal-Appell Kriminali ezaminat *in funditus* meta qorti ghandha timponi sentenza ta' prigunerija sospiza:

*Fis-sentenza taghha tat-23 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Anthony Wood*** *din il-Qorti (kif illum presjeduta) kienet spjegat kif Qorti ta' Gustizzja Kriminali ghandha taffronta l-*

*kwistjoni jekk għandhiex timponi o meno sentenza ta' prigunerija sospiża, u dan kemm fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza tal-qrati Inglizi u tal-liġi Ingliża kif kienet dak iż-żmien u preċedentement, kif ukoll fuq l-iskorta ta' ġurisprudenza lokali. Huwa ċar, anke fid-dawl tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 28A, li l-ewwel ħaġa li qorti trid tiddeċiedi hi jekk il-każ jimmeritax piena ta' prigunerija, b' mod li jiġu esklużi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament esklużi mill-liġi stess) miżuri bħal ordinijiet magħmula taħt l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jiġi stabbilit, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, li l-każ kien jimmerita prigunerija, il-ġudikant irid jgħaddi għat-tieni stadju, u cioe'` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-ġudikant ma' jridx joqgħod iħares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex iġibha ma' teċċedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oġġettivament tagħmel għall-każ, indipendentement minn jekk tkunx tista' tiġi sospiża o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oġġettivament stabbilita ma' tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-ġudikant jgħaddi għat-tielet stadju, u cioe'` biex jikkonsidra jekk għandux jissospendi o meno tali piena (għal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux iżjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel ħaġa li trid issir f' dana t-tielet istadju hi li wieħed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju għal tali sospensjoni (bħalma huma l-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (7), ġja` msemmi, tal-Artikolu 28A, jew bħalma wieħed isib fl-Artikoli 337A u 22(9) tal-Kapitoli 9 u 101 rispettivament); jekk ma' hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija għandhiex tiġi sospiża u, jekk għandha tiġi sospiża, x' għandu jkun il-perijodu operattiv tagħha (cioe'` għal kemm żmien tibqa' hekk sospiża fuq ras il-ħati).*

*Huwa minnu li, kif jispjega l-**Professur David Thomas** fil-ktieb tiegħu **Principles of Sentencing** "[the] difficulty that arises at this point is that if the first two stages have been followed correctly, all factors which are relevant to the sentence should have been taken into account already. The sentencer must iether give double wieght to some factors for which he has previously made allowance in calculating the length of the sentence, or search for some new factors which will justify suspension although they are not relevant to the other issues which the sentencer has already considered." Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha aktar il-fuq imsemmija (ta' **Anthony Wood**) ħadet linja aktar prammatika milli forsi teoretika jew akkademika u, fuq l-iskorta ta' sentenzi preċedenti, stabbiliet li s-sentenza sospiża, oltre li għandha tkun applikata*

*bhala eccezzjoni u mhux bhala regola, ghandha tinghata f' kaz ta' xi cirkostanza partikolari li minhabba fiha l-qorti thoss li ma' jkunx opportun li tapplika l- piena "normali" preskritta mill-ligi ta' prigunerija b' effett immedjat. Fi kliem iehor, hemm bzonn li jkun hemm cirkostanza (jew cirkostanzi) specjali (mhux neccessarjament, pero'`, cirkostanzi specjali u straordinarji bhalma jissemmew fl-Artikolu 21 tal-Kap. 9) li jaghmlu l-eccezzjoni (is-sospensjoni tal-piena ta' prigunerija) aktar indikata ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja mir-regola (il-piena karcerarja b' effett immedjat).*

**9.** *Naturalment huwa mpossibbli li wiehed jiddetermina aprioristikament x' inhi jew x' tista' tkun tali cirkostanza (jew cirkostanzi), jew li jipprova jiddefiniha. Il-buon sens, pero'`, jissuggerixxi diversi cirkustanzi, u kriterji ohra, li ghandhom jitqieghdu fil-kfief tal-mizien: il-gravita` tar-reat, il-mod kif ikun twettaq, l-impatt fuq is-socjeta`, il-hsara rizultanti, jekk wiehed ghamilx tajjeb ghal dik il-hsara, il- koperazzjoni u l-ghajnuna li wiehed ikun ta lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjoni, l-ammissjoni bikrija (b' mod li l-istat ma' jinkorrix f' aktar spejjez), l-impatt tas-sospensjoni jew tan-nuqqas ta' sospensjoni kemm fuq il-persuna misjuba hatja kif ukoll fuq is-socjeta`, jekk il-persuna misjuba hatja hix perikoluza u/jew x' indikazzjonijiet hemm li hija tista' terga' tikkommetti reat iehor (simili jew ta' xorta ohra), u hafna u hafna cirkostanzi ohra. Jinghad ukoll li, filwaqt li gudikant, fil-ghoti tal-piena (u dan mhux biss fil-kaz ta' jekk sentenza ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza o meno) ghandu jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta` u tar-reazzjoni tas-socjeta` ghal dak it-tip ta' reat (tali reazzjoni hija r-rifless ta' dak l-impatt), il-gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil- gazzetti jew f' xi blog fuq l-internet biex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi. Kif qal Lord Justice Lawton fil-kawza* ***R v. Sargeant*** *:*

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must not disregard it. Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion."*

Illi di piu' l-appellant jirrileva illi kif anke kkonfermat mill-Ufficjali tal-Pulizija stess fix-xhieda guramentata taghhom senjatament fix-xhieda ta' PC 1600 Gilbert Gatt illi huwa kkopera maghhom fejn anke urihom fejn kienu l-kaxxi bil-pilloli u tahomlom immedjatament u anke ammetta maghhom illi kien hu li tefa' dawn ir-reklami relatati mal-medicini fuq *Maltapark.*

> *"L-imputat kien mill-ewwel ikkoopera mal-Pulizija fejn kien tahom l-imsemmija medicina li hu kien qal li ghamel hu stess dawn ir-reklami fuq Maltapark. Fil-fatt gew elevati sbatax il-kaxxa tal-fifty milligrams kif ukoll ghaxar kaxxi tal-hundred milligrams tal-medicina Sildenafilli."*

Ghalhekk il-piena imposta kemm fil-kwalita taghha, u sussidjarjament u minghajr pregudizzju, fil-kwantita, ma' tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum. Illi ghalhekk l-appellant jirrileva illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti meta wiehed jikkonsidra l-fatti kollha tal-kaz, hija wahda sproporzjonata u eccessiva fil-kaz odjern.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2022.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza l-appellant qed jilmenta li l-ewwel Qorti ma' ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi prodotti u in oltre ghamlet apprezzament zbaljat ukoll ta' certu principji legali. Illi din il-Qorti ghalhekk qabel ma' tghaddi biex tindirizza l-aggravji tal-appellant sejra taghmel riassunt tal-provi imrresqa u dan sabiex tkun f'posizzjoni ahjar li taghmel apprezzament tal-provi imrresqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi nhar it-2 ta' Mejju, 2012, kienet dehret quddiem l-Ewwel Qorti Sue Fenech bhala Registratur tal-Qorti u pprezentat l-inkjesta redatta mill-allura Magistrat Dr. Jacqueline

Padovani Grima. Jirrizulta li nhar it-22 ta' Novembru, 2010, kienet inzammet Identification Parade fil-Kwartieri Genreali tal-Pulizija fil-presenza ta' l-Ispettur Michael Mallia u l-Ispettur Elton Taliana. Dakinhar il-Pulizija ressqu disgha minn nies ilkoll lebsin blue boiler suit kollha bin-numri u fl-ewwel dawra identifikat in-numri 4 u 6, li kienu numru 4 Sandro Cardona, filwaqt li numru 9 kien PS 504. Fit-tieni identification ix-xhud Janica Rapinettt indikat bhala numru 3 il-malvivent u dan kien Sandro Cardona. Qalet li gharfitu minn imniehru ghax hu tond. Tghid li dan kien l-unika persuna li hija gharfet.

Xehed **PS 404 Paul Camilleri** u pprezenta ir-relazzjoni tieghu u dan fl-atti tal-inkjesta nhar it-28 ta' Jannar, 2011, u jghid li kien qed jipprezenta ir-relazzjoni tieghu konsistenti f'rapport li gie mmarkat bhala DOK PC, flimkien ma' *casting* ta' marki ta' llevar li gie esebit u mmarkat bhala DOK PC1. Qal li ghamel xi ezamijiet ghal xi evidenza ta' marki tas-swaba u marki ohra possibli permezz ta' powders u pniezel rispettivi f'dawk il-postijiet kollha li kienu relevanti u dawn taw rizultat negattiv. Huwa rega' xehed nhar l-4 ta' Settembru, 2012, u kkonferma ir-relazzjoni tieghu gja inserita fl-atti. Nhar is-17 ta' Novembru, 2012, huwa kkonferma ir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti a fol. 47 sa 51.

**PS 198 Arthur Debattista** xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta nhar it-28 ta' Jannar, 2011, u kkonferma li kien gie nominat bhala eseprt fl-atti tal-inkjesta u dan bhala Scene of the Crime Officer u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala DOK AD flimkien ma' 21 ritratt li gew mmarkati bhala DOK AD1 sa AD 21. Nhar id-9 ta' Jannar, 2012, huwa kkonferma r-ritratti mehuda minnhu li jinsabu fir-relazzjoni li kien ipprezenta fl-atti tal-inkjesta.

**PS 171 Karl Glanville** xehed fl-atti tal-injesta u dan fil-kapacita tieghu ta' Scene of the Crime Officer u ppezenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala DOK KG flimkien ma' faxxikulu ta' 40 ritratt li gew mmarkati bhala DOK KG1 sa KG40.

**John Sacco** xehed fl-atti tal-inkjesta nhar it-30 ta' Marzu, 2012, u pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala DOK JS. Janika Rapinett il-kwerelanti kienet xehdet quddiem dan l-istess espert nhar is-27 ta' Novembru, 2010, u cioe' jumejn wara li sfat vitma tas-serq u din kkonfermat fix-xhieda taghha li kienet id-dar meta l-malviventi dahlu fil-fond La Favorita, Triq il-Harruba, l-Iklin. Tghid li gharfet lil-persuna li kien hemm f'nofs is-sala bhal l-persuna li kienet cemplet u rat fuq l-intercom. Dak il-hin taf li kien hemm persuna ohra izda ma' setghetx tgharfu u kellu f'idu arma tan-nar. Iddiskriviet dak li kien liebes u cioe' qalziet navy blu jeans bl-abjad. Tghid li kellu saqajh twal u kien twil u deher li kien 'fit'. Tikkonferma li ma' kienx mghammad u ghalhekk ratu sew.

Tghid li in segwitu l-Pulizija talbuha tmur tiehu sehem f'Identification Parade fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u hemmhekk gharfet lil malvivent fl-ewwel *line up* kellu n-numru 4 u fit-tieni *line up* kellu n-numru 3. Qalet ukoll li gharfitu mill-vuci. Minn imniehru u min saqajh.

L-istess xhud **Yanika Rapinett** xehdet quddiem l-akkuzat nhar it-2 ta' Mejju, 2012, u dan fil-bini tal-Qorti fl-atti ta' din il-kawza. Spjegat li nhar il-25 ta' Novembru, 2010, hija kienet rieqda ghand misierha fil-fond La Favorita, Triq iz-Zebbbuga, l-Iklin u bdiet iddoqq il-qanpiena tal-intercom. Hija ma' fethitx il-bieb izda ftit tal-hin wara bdiet tisma' xi hadd ihabbat u tisma' l-bieb ta' fuqu jisgassa ruhu. Ghall-ewwel hasbet li missierha kien ha xi haddiema. Tghid li hija gharfet lis-Sur Cardona mill-intercom. Regghet ratu fil-kamra tas-sodda t' ommha jisraq l-affarijiet mill-kxaxen. Tikkonferma li kienet wahedha d-dar dak il-hin. Hija gharfet lill-akkzuat bhala l-istess persuna li kien dahal ghandha dakinhar tal-25 ta' Novembru, 2010. Tikkonferma ukoll li hadet sehem fl-Identification Parade u tikkonferma li kienet gharfet wicc il-malvivent. Ikkonfermat li kien serqilhom deheb u djamanti.

In kontro ezami xehdet nhar l-4 ta' Frar, 2021[2], u kkonfermat ghal darb' ohra li kienet rat lill-akkzuat mill-intercom waqt li kienet id-dar. Tghid li kien wara l-camera u hija ratu mill-camera li ghandhom fil-kcina. Dak il-hin kien qieghed idoqq il-qanpiena. Izda wara li ratu regghet marret fis-sodda ghax kien zmien meta kienet tqila u ma' tantx kienet tiflah. Imbaghad semghet xi hadd ihabbat mal-habbata mal-bieb u wara xi ghaxar minuti semghet hoss kbir u ghall-ewwel hasbet li setghet kien missierha b'xi haddiema. Wara rat li kien hemm il-bieb ta' fuq mifqugh u rat lil-akkzuat johrog l-affarijiet ta' ommha. Wara induant li l-hoss li semghet kien meta l-akkuzat kisser il-bieb u ottjena id-dhul ghal gewwa darha.

**Catherine Rapinett** xehdet nhar it-2 ta' Mejju, 2012, u tghid li dakinhar kienet ghada kemm harget mid-dar taqdi klijent u cemplitilha it-tifla u qaltilha li biex tmur lura id-dar malajr ghaliex kien hemm minn dahlilhom id-dar u kien qed jaghmel hold up. Qalet li marret lura id-dar u sabietx lil bitnha hemm izda sabet il-bieb tal-kamra tas-sodda miksur, il-kxaxen barra u kollox ma' l-art. Naturalment tghid li qabel ma' telqet hija kienet halliet kollox sew. Tghid li serqulhom gojelli li jiswew xi hamsin elf ewro. Tghid li assikurazzjoni ma' kellhomx. Kellhom ukoll xi hsarat. Ikkonfermat li l-intercom taghhom juri min ikun hemm izda ma' jzommx xi mmagini.

In kontro ezami nhar is-17 ta' Frar, 2022, u kkonfermat li kienet ilha tghix fil-fond La Favorita, Triq iz-Zebbuga, Iklin, ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena. Qalet li flus id-dar kellha izda ma' intmessux pero' gew mehuda gojelli u dehebijiet li kienu wirtu. Qal li meta cemplitilha t-tifla biex tghidilha li kienu qed jisirquhom marret malajr id-dar u rat it-twieqi tal-kamra tas-sodda miftuha u l-purtieri itiru ghal barra. Tghid li x'aktarx l-akkuzat ottjena d-dhul fid-dar minn hemm. Qalet li l-akkuzat gewwa darha ma' ratux izda kienet bintha li ratu gewwa darhom. Il-Pulizija sabu ukoll misluta minn taghha barra d-dar ezatt kif tibda tielgha t-telgha ghal ghandhom. Il-gojjelli kienu f'gradenza fil-kamra tas-sodda. Taf li dakinhar sabu kollox imqalleb u barra mill-kxaxen.

[2] Fol. 254 Vol. II ta l-atti

**Joseph Rapinett** xehed nhar id-19 ta' Frar, 2013, u kkonferma li bintu kienet ghamlet rapport dwar hold up li sehh gewwa daru ghall-habta tas-1.30 p.m. Tghid li bintu qaltlu li l-akkuzat kellu arma f'idejh u meta rat hekk telqet tigri l'isfel. Qal li meta wasal id-dar ra l-kxaxen miftuhin u l-bieb tal-kamra tas-sodda miksur. Ix-xhud esebixxa stima tal-hsarat li sofra fl-ammont ta' €734.80, skond stima mahruga minn Fino.[3] Qal li l-oggetti tad-deheb u tad-djamanti li nsterqu kien wirithom minghand ommu. Anke mappa antika hadulu li kienet imdendla mal-hajt l-oggetti li nsterqu huma indikati fid-DOK JP1 a fol. 186 tal-atti.

Nhar is-17 ta' Frar, 2022, ix-xhud xehed in kontro ezami u kkonferma li jghix fil-fond La Favorita, Triq Haz Zebbug, l-Iklin u kien ilu jghix hemm ghal madwar hamsa ghoxrin sena. Spjega li jahdem fil-vicin fil-fond bl-isem Keune Hair Cosmetics. Ikkonfemra li dakinhar serqulu id-deheb li kien wiret minghand ommu u missieru.

**Kurt Dalmas** xehed nhar l-14 ta' Frar, 2019, u qal li jahdem bhala C*redit Controller* ma' Fino u muri d-dokument a fol. 187 et seq mmarkat bhala DOK JPZ, jghid li din l-istima harget minghandhom fuq il-fond La Favorita, Triq iz Zebbuga, l-Iklin. Ikkonferma li t-tiswijiet saru u fil-fatt Joseph Rapinett kien hallas skond l-ircevuta esebita fl-atti a fol. 239 mmarkata bhala DOK JR1.

**Nadia Cilia** xehdet nhar l-11 ta' Gunju, 2012, u tghid li nhar il-5 t' April 2012 halliet il-bieb tal-garage imbexxaq u kif daret biex taghlaq il-bieb tal-garaxx kien hemm min ipprova jimbotta il-bieb. Il-fond huwa numru 11, Sacred Heart, Triq Karmenu Vassallo Iklin. Gharfet li kien l-akkuzat li kien qabel il-katina u mar biex jiftah il-bieb taghha u appena ratu qabdet u ghalqet il-bieb. Qalet li wara xi ghaxar minuti maret tixtri ghand ta' faccata u staqsewha jekk kienitx hadet qata'. Qalet li qalilha li ried ikellimha.

[3] DOK JPZ fol. 187

Tikkonferma li ma' tafux u setgha cemplilha il-qanpiena jekk ried ikellimha. Tghid li taf li jghix fl-inhawi mal-genituri tieghu pero' ma' tafux. Qalet li meta ghalqet il-bieb wegghet u fil-fatt gharfet ic-certifikat mediku esebit fl-atti bhala DOK NC[4].

**Dr. Marie Claire Vassallo** xehdet nhar il-21 ta' Marzu, 2019, u kkonfermat li kienet irrilaxxjat ic-certifikat mediku esebit fl-atti u mmarkat bhala DOK NC u dan wara li kienet ezaminat lil Nadia Cilia nhar il-5 ta' Frar, (pero' c-certifikat huwa datat April) 2012.

**PS 839 Stephen Micallef** xehed nhar l-24 ta' Lulju, 2012, u kkonferma li nhar il-5 ta' April, 2012, ghall-habta tal-4.15 p.m gie nfurmat minn Nadia Cilia flimkien ma' Carmelo Cachia li ghall-habta tas-1.45 p.m waqt li Nadia kienet diehla id-dar b'xi shopping u hi u ddahhal l-affarijiet gol-garaxx gie persuna li hi identifikatu bhala Alexander Cardona li gharaf prezenti fl-awla bhala l-akkuzat u din stqarret li dan prova jidhol fil-garage taghha. X' hin rat hekk inhasdet u ghamlet sforz u ghalqet il-garaxx u rnexxielha taghlaq il-garaxx bil-konsegwenza li ghamlet xi feriti f'idejha. Wara din marret l-ghassa taghmel rapport. Qalet li dan il-garaxx jinfed ghad-dar taghha. Fil-front garden hemm katina b' no parking xi 7 jew 10 piedi boghod mill-bieb u dan dahal u qabez ic-cinga. Qalet li hija kienet qed iddahhal l-affarijiet gewwa darha u appena daret ratu jipprova jidhol. Mistoqsija kien gharfet lill-malvivent akkuzat jghid li gharfitu ghaliex huwa gar taghha.

Rat l-okkorenza esebita fl-atti u mmarkata bhala DOK SM[5] redatta minn WPC 265 Charlene Abela dwar ir-rapport li kienet ghamilt Nadia Cilia dakinhar tal-5 t' April, 2012.

---

[4] Fol. 130 DOK NC Dr Vassallo jikkonferma li l-feriti subiti minn Nadia Cilia kienu ta natura hfif save complications

[5] Fol. 143 ta' l-atti

**PS 644 Evan Camilleri** xehed nhar l-4 ta' Settembru, 2012, u kkonferma li kien gie mitlub mill-Ispettur Elton Taliana biex jiehu ritratti tad-drive in ta' Nadia Cilia, Sacred Heart, Triq K. Vassallo, L-Iklin u dan in konnessjoni ma' ncident li kien sehh ftit qabel. Huwa acceda hemm u gibed erbgha ritratti. Dawn jinsabu esebiti a fol. 161 et seq.

**Alexander Cardona** kien irrilaxja stqarrija ftit wara li kienu sehhew l-allegati kazijiet li bihom gie akkuzat pero'' dak iz-zmien ma' kienx inghata d-dritt li jkun assistit minn avukat tax-xelta tieghu u ghalhekk tali stqarrija m'hiex ser tigi kunsidrata minn din l-Qorti kif del resto giet ukoll skartata mill-Ewwel Qorti. Pero' l-akkuzat xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-24 ta' Jannar, 2022, u stqarr li huwa dak iz-zmien kien jghix ghand ommu fi Triq Karmenu Vassallo, l-Iklin u hareg fil-gnien jaqta' lumija ghax ried jiehu kikkra te, izda haseb li ma kienx vale la pena jaqta' minn tieghu u ghalhekk hareg barra u qata' erba' lumijiet minn sigra ohra li hemm fl-akwati u dan minn sigra li taghti ghal gol triq. Huwa hu sejjer id-dar iltaqa' ma' ommu u staqsietu x'kien ghamel u qallha li kien qata' erba' lumijiet izda gabitu hazin u ghalhekk kien ser imur biex jara x'kellu itiha taghhom. Qal li mar ihabbat il-bieb izda ma' fethitlux izda mar ghat-tieni darba u appena ratu ghalqitlu il-bieb f'qiccu u hasidtu. Meta mar ghand tal-haxix iltaqa' ma' din il-mara u ghamlu *eye contact* u ghalhekk rega' mar ghandha u habtilha l-bieb izda ma' fethitlux. Jghid li meta mar id-dar missieru qallu li kien cempillu l-Ispettur u staqsih x'kien gara u u qallu li kien mar jaqta' erba' lumijiet u kienu d-dar. Jghid li wara kien gie arrestat u wara qallu lil kien ser irresqu kemm fuq dan il-kaz tal-lumijiet u kaz iehor izda jghid li fuq il-kaz l-iehor lanqas ma' kien interrogah. Qal li l-kaz l-iehor kien dwar serqa ta' xi hamsin elf lira. Mistoqsi min kien ha dawn l-eluf jghid li ma' jafx u msitqosi x' kien jisimha il-mara minghand min kien seraq il-lumi jghid li ma' jafx. Mistoqsi jekk jiftakarx l-ID parade li kien sar jghid li ma' jiftakrux. Mistoqsi jekk hux minnu dak li qalet Joanne Said meta xehdet il-Qorti u cioe' li kienet sabitu fil-kamra tas-sodda b'arma ippuntata jghid li mhux minnu.

Ikkunsidrat ulterjoment,

Illi l-ewwel zewg akkuzi jirrelataw ghall-incident wiehed li sehh nhar l-25 ta' Novembru, 2010, meta l-prosekuzzjoni qed tallega fl-ewwel lok li l-akkuzat odjern kien seraq mill-fond residenza tal-familja Rapinett deheb u gojelli b'valur ta' cirka hamsin elf lira u fit-tieni lok li ghamel hsara volontarja fl-istess fond. Illi l-Ewwel Qorti kienet sabet lill-akkuzat odjern hati ta' dawn iz-zewg akkuzi. Jinghad li l-appellant isostni li l-Identification Parade li saret fil-Kwartieri Genrali tal-Pulizija ma' saritx skond il-ligi. Jinghad *in primis* pero' li l-appellant stess meta xehed il-Qorti viva voce jghid li lanqas ma' jiftakar li ppartecipa f'xi identification parade. Anzi minkejja li kien hemm prezenti ghal din l-Identification Parade l-allura Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, lanqas ma' jiftakar xejn dwar il-partecipazzjoni tieghu.

Minn naha l-ohra l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud lil Yanika Rapinett li hadet sehem f'din l-Identification Parade u kkonfermat li minkejja li kien hemm zewg *line ups* kienet f'posizzjoni li taghraf b'certezza lilll-akkuzat. Tghid li hija gharfitu kemm minn imniehru, kif ukoll min saqajh u l-istatura tieghu u molto piu mill-vuci. Qalet li hija kienet ratu f'zewg okkazjonijiet qabel ma' saret din l-Identification Parade u cioe' mill-*intercom* meta kien qed ihabbat mal-bieb kif ukoll wicc imb' wicc meta kien fil-kamra tas-sodda tal-genituri taghha minn fejn gew misruqa id-dehebijiet. Tghid li l-akkuzat ghandu imnihru partikolari u ghalhekk appena ippartecipat fl-Identification Parade gharfet lill-akkuzat minnufih u dan bla tlaqliq. Illi x-xhieda ta' din Yanika Rapinett hija wahda attendidbbli u dan ghaliex meta xehdet fl-atti tal-inkejsta ftit wara li sehhet is-serqa tat l-istess xhieda li kienet tat l-Qorti ftit ta' zmien wara. Hija xhieda konsistenti u ghandha mis-sewwa u hija xhieda affermattiva moghtija b'mod decisiv u bla dubju ta' xejn.

Dwar l-importanza ta' Identification Parade din il-Qorti taghmel referenza ghal dak mistqarr fis-sentenza moghtija fl-ismijiet **The Police Vs Ismail Abubaker Garba**[6]**:**

*This Court however does not agree with this conclusion, there are various ways where a person may be called to identify another person, iether by looking at the person concerned through an ID Parade, looking at photos or else identifying accused during Court proceedings. This does not mean that the only sure method is the Identification Parade but the other methods are also accepted means of evidence which the Court normally accepts under the circumstances that they were given. The Identification Parade is not exclusionary but is just one of the methods normally adopted by the police; other methods can also be adopted and have been accepted by the Court.*

F'dan il-kaz Yanika Rapinett gharfet lill-akkuzat kemm fl-Identification Parade fiz-zewg *line ups* u susegwentement il-Qorti fil-presenza tieghu stess. Illi jinghad li dan sar bla tlaqliq u b'mod decisiv. Jinghad li l-Identification Parade li saret inzammet fil-presenza tal-Magistrat u kif mistqarr fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v.David Zerafa:-**[7]

*"il-prezenza tal-Magistrat hija bzonnjuz sabiex jigi assigurat li l-ID Parade ma' tkunx kontaminata b'ebda suggeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjah biex taghraf lill-persuni...'*

Illi ma' jidhirx li fl-Identification Parade li saret kien hemm xi irregolarita jew adirittura xi incertezza minn Yanika Rapinett meta giet biex tidentifika l-aggressur malvivent taghha. Ghalhekk din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti m'ghandix dubju li kien l-akkuzat u hadd iktar salv ghall-akkuzat li kkommetta ir-reat ta' serq minn dan il-fond: La Favorita, Triq iz-Zebbuga, L-Iklin. Jinghad li l-prosekuzzjoni akkuzat, lill-akkuzat bis-serqa kif

---

[6] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 2013

[7] Moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali Superjuri nhar is-15 ta' Settembru 2016

aggravata bil-lok, mezz, valur u vjolena. Dwar dawn l-aggravji jinghad kif del resto gie deciz mill-Ewwel Qorti li l-fond fejn sehhet is-serqa hija ir-residenza tal-familja Rapinett u ghalhekk jissussisti l-aggravju tal-lok. L-valur tas-serqa hija ta' hamsin elf ewro kif konfermat minn Joseph Rapinett u martu Catherine meta qalu li insterqulhom oggetti tad-deheb u tad-djamanti li kienu wirtu minghand il-ġenituri taghhom. Jinghad ukoll li ma' tezisti l-ebda prova kontradittorja ghal din ix-xhieda waqt il-kumpilazzjoni u qatt ma' intalbet xi kjarifika dwar din is-somma. Ghalhekk id-difiza issa f'dan l-istadju ghaxar snin wara ma' tistax tissolleva fl-aggravju taghha li ma' hemmx prova dwar il-quantum tas-serqa meta din il-Qorti hija rinfaccjata bix-xhieda tal-vittmi guramentata li ma' hiex kontradetta u ghalhekk l- aggravju tal-valur jissusisti ukoll. Dwar l-aggravju tal-mezz jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-malvivent akkuzat ottjeni dhul fil-fond tramite skalar ghal gol kamra tas-sodda tal-konjugi Rapinett. Ghalhekk l-aggravju tal-mezz jirrizulta ukoll sodisfacentament. Dwar l-ahhar aggravju u cioe' dak tal-vjolenza jirrizulta li l-akkuzat kien armat meta dahal fil-fond residenza tal-familja Rapinett u dan ghaliex Yanika tghid li l-appellant kellu arma ippuntata lejha. Ghalhekk anke l-aggravju tal-vjolenza tirrizulta in linea mal-Artikolu 262 (1) (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-tieni akkuza u cioe' dik ta' hsara volontarja din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti hija konvinta wara li semghet ix-xhieda tal-konjugi Rapinett jiddiskrivi l-hsara li kellhom u r-rapprezentant ta' Fino u cioe' is-Sur Dalmas jikkonferma l-istima DOK JP1 esebita fl-atti fejn kkonferma li l-hsara li giet imsewwija fil-fond La Favorita, Triq iz-Zebbuga, l-Iklin, tammonta ghal €734.80. Konsegwentement ir-reat ta' hsara volontarja giet provata ukoll.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni u sussegwenti kundanna tal-Ewwel Qorti sabiex l-akkuzat ihallas l-ispejjez tal-esperti jinghad li l-inkjesta esebita fl-atti infethet minhabba ir-rapport tas-serqa aggravata li kien hemm fuq il-fond La Favorita, Triq l-Harruba, l-Iklin. Jirrizulta li din il-Qorti ukoll sabet lill-akkuzat appellant hati ta' din is-serqa aggravata u ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkundanna lill-appellant

ihallas l-ispejjez taghha ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk din il-Qorti qieghda tikkundanna lill-akkuzat ihallas l-ammont ta' €727.10 lir-Registratur tal-Qorti Kriminali fi zmien xaghrejn minn meta jigi hekk mitlub minnu.

Dwar il-piena moghtija minn l-Ewwel Qorti l-appellant intavola aggravju u stqarr li l-piena moghtija hija wahda eccessiva. L-appellant ressaq bhala xhud quddiem din l-Onorabbli Qorti lill-Matthew Calleja jixhed nhar l-25 ta' Ottubru, 2022, u kkonferma li kien is-social worker tieghu u li kien qed jahdem mieghu sabiex x'jindirizza l-problema tieghu ta' tehid u abbuz ta' droga. Qal li kien hejja pjan ta' kura u li l-appellant kien qed jikkopera hafna mieghu. Qal li l-akkuzat ikkopera hafna mieghu u li kien anke offra li jhalli kampjuni tal-awrina tieghu biex jipprova li kien qieghed *clean*. Ix-xhud rega' xehed fit-3 ta' Novembru, 2022, u kkonferma li l-akkuzat appellant kien qed jimxi mal-pjan ta' kura u li t-testijiet tal-awrina li kien halla kienu taw rizultat negattiv ghal prezenza ta' droga u pozittiv ghal prezenza ta' methadone. Illi l-avukat difensur fit-trattazzjoni tieghu sostna li minhabba li l-appellant illum qed jghin ruhu u gharaf jindirizza il-problema akuta li huwa kellu ta' abbuz ta' droga din il-Qorti ghandha tirrevoka il-piena moghtija minn l-Ewwel Qorti sabiex taghti cans iehor lill-istess akkuzat u dan bil-ghan li jibqa' ghaddej fit-triq it-tajba.

Din il-Qorti pero' bir-rispett kollu temmen li dan il-kaz sehh iktar minn ghaxar snin ilu u jidher li l-appellant iddecieda li jibda jindirizza l-problema tieghu ta' abbuz ta' droga projru wara li gie misjub hati mill-Ewwel Qorti u kkundannat minnha ghal zmien ta' prigunerija nhar l-20 ta' Lulju, 2022. Illi ghalhekk kien biss din it-tbesbisa ta' habs imdendla fuq rasu li gieghlitu jgharaf kemm kienet serja il-problema tieghu. Minn ezami tal-fedina penali tieghu esebita fl-atti a fol 337 (Vol. II et seq) jirrizulta li l-appellant gja kien instab hati ta' diversi reati inkluz dawk simili ghal dawn odjerni ta' diversi serqiet u hsara volontarja u minkejja li kien inghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu baqa' ostinat jikkommetti serqiet ohra tant li illum qed jinstab hati tar-reat ta' serq aggravat bil-mezz, valur u lok apparti li qed jinstab hati tar-reat ta' hsara volontarja ghal darb ohra. Jirrizulta ukoll minn ezami ta' din il-fedina penali li waqt l-

andament ta' dawn il-proceduri stess l-appellant fetah kazijiet ohra u anke gie misjub hati taghhom. Illi in oltre jirrizulta li l-vittmi f'dan il-kaz u cioe' il-familja Rapinett sofrew dannu fl-ammont ta' hamsin elf lira u l-appellant ma' ghamel l-ebda sforz sabiex jirritorna ir-*res furtiva* lilhom.

Illi huwa minnu li z-zmien ta' prigunerija moghti mill-Ewwel Qorti huwa wiehed konsiderevoli pero' huwa fil-parametri tal-Ligi u din il-Qorti ma' tissisturbax il-piena moghtija minn l-Ewwel Qorti jekk taqa' fil-parametri tal-Ligi u ma' jkunx hemm xi raguni partikolari li ma' tresqitx quddiem l-Ewwel Qorti. Il-fatt li f'dawn l-ahhar ftit xhur l-appellant beda jindirizza il-problema ta' droga ma' jfissirx li m'ghandhux ipatti ta' ghemilu. Dan il-progress jista' jibqa jigi registrat fil-konfini tal-habs.

**Ghalhekk fid-dawl tal-antecidenti tieghu u tal-ammont tas-serqa involuta din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonferma l-ewwel sentenza moghtija kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena moghtija.**

Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

Vera Kopja

Adrian Micallef

Dep. Reg.